VALLETTA
*Città Umilissima*
MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

# 8 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 60

**Il-Hamis, 16 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsill Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċini tal-Kunsill Lokali fil-16:00 hrs.

**PREŻENTI:**
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Vincent Fabri – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):**
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv
Christabel Busuttil – Office Assistant

## Minuti

Is-Sindku ippreseda din il-laqgħa. Il-Kunsill qal it-talba.

### 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

60.1.1 nil

### 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Re Minuti 59.3, Is-sindku ikkonfirma mas-segretarju ezekuttiv li l-iscaffolding ta' Triq ir-Repubblika tnehha u il-bozza reggghet tpoggiet f'postha.

### 60.3 Komunikazzjoni mis-sindku

60.3.1 Is-Sindku informa illi beda it-tieni fazi tal-progett tad-dawl ta' Triq ir-Repubblika. Dan ser ikun sa issa l-uniku dawl f'Malta li jahdem bid-dimmers.

60.3.2 Is-sindku informa lil kunsill illi huwa iddiskuta ma Transport Malta dwar is-sitwazzjoni dizastruza ta' traffiku fejn ir-roundabout ta' Liesse. Dan minhabba li hemm madwar 3 roundabouts f'50 metru spazju. RA informa li nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju hemm laqgha TM u dawn issugerew illi il-coaches tal-Cruise liners jidhlu jistennew fejn jipparkja il-vapur biex ma jibblukkjawx it-traffiku.

60.3.3 Is-sindku issugerixxa illi il-Barrakka ta' Isfel ghandha issir li titla biss.

Vince issugerixxa li in-nizla tal-pitch issir one way, fejn sewwieqa jinzlu minn nizla ta' fejn il-Cockney's u johorgu minn fejn il-Fossa.

GA infurmat illi ha tkellem lil Michael Cohen fuqhom

60.3.4 Is-sindku issugerixxa li isir bust ghas-Sur Joseph Tonna li ghamel hafna gid mat-tfal tal-Belt

.

### 60.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv

60.4.1 Is-segretarju ezekuttiv spjegat illi il-kunsill tal-Belt ghandu ir-risponsabbilita li jorganizza il-konferenza ta' l-FECC. Din ser issir bejn it-18 u il-21 ta' Ottubru 2024 u ser jattendu ghaliha madwar 70 persuna.

Dawn ser joqghodu f'numru ta' hotels fil-Belt Valletta. Il-laqgha tal-kumitat ser issir fis-sala tal-kunsill.

60.4.2 GA spjegat li ha isir tower crane fi Triq tal-Karmnu f'Settembru. Dan kellu isir f'Lulju pero kien hemm oggezzjoni minn Tal-Karmnu u ghalhekk ser isir f'Settembru. Ghandhom l-approval minn Tal-Karmnu u tat-Teatru Manoel.

60.4.3 GA infurmat illi TM tawha il-permess biex tittawwal l-unloading bay ta' Triq San Pawl ma Triq Santa Lucija minhabba li il-trakk tal-Gass jieqaf hazin u jwaqqaf it-traffic. Dan il-parking ser jintuza mir-residenti barra mil-hinijiet tad-deliveries.

60.4.4 GA infurmat illi il-bust ta' Pawlu Curmi daqt ikun lest u il-bandli jistghu jinfethu fil-gimghat li gejjin.

60.4.5 GA infurmat illi l-attivitajiet ta' World Clean up Day ser isiru f'Settembru 2024 u li il-kunsill ser japplika ghal fondi biex jinhaslu xi toroq u jitnehha skart goff minn diversi postijiet. Il-kunsill qabel dwar dan.

## 60.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

60.5.1 RA saqsa dwar jekk il-kunsill irritornax il-karozzi il-bojod lil Continental Cars. GA infurmatu illi wahda minnhom giet irritornata pero l-ohra ghadha le ghax keinet involuta f'accident fejn dahlet karozza ohra fiha.

60.5.2 RA saqsa jekk bhala kunsill hemmx xi informazzjoni dwar l-iscaffolding ta' Triq ir-Repubblika (ta' Zampa). GA infurmatui illi ma hemmx ghax il-kunsill huwa limitat x'sahha ghandu. . RA saqsa jekk il-kunsill jistax jitlob il-flus talli ghandu l-iscaffolding. GA ha ticcekkja mal-Planning Authority dwar jekk ix-xoghol giex imqaqqaf minn naha taghhom u tara jekk hux possibbli nibghatulhom il-kont bl-avukat.

60.5.3 RA informa li qabel gie ghal laqgha kien infurmat ser jinbeda ix-xoghol fi Triq il-Lanca fil-gimghat li gejjin.

## 60.6 Jum il-Belt

60.6.1 GA ghaddiet il-kelma lil Jurgen Briffa biex dan jispjega dwar x'ser jigri dwar ir-rikonoxximenti li sippost saru f'Jum il-Belt. Din ma saritx minhabba li habtet nhar il-Gimgha il-Kbira.

JB spjega li hu u MSL qablu illi bhalha parti mill-attivitajiet ikun hemm il-launch ta' l-Encyclopedia ta' Vince Zammit u jinghataw:

- Gieh il-Belt lil Prof Alexei Dingli bhala persuna mill-Belt illi qed taghmel success fil-qasam ta' l-Al.
- Ir-rikonoxximenti ser jinghataw liz-zewg Kazini tal-Banda li ghalqu 150 sena u lil Kumpanija Teatrali Dumnikani li ghalqet 50 sena.

60.6.2 CM approva li gieh il-belt tinghatha lil AD. RA kellu xi riservi dwar dan minhabba li AD kien sindku fil-passat. JB spjega li dan ser jinghata fuq ix-xoghol tieghu fl-Al u mhux ghax kien sindku.

60.6.3 Is-sindku xtaq jaghti gieh il-belt lil baned tal-Belt. Il-kunsill spjegalu li dan jinghatha lil persuna u l-ghaqdiet jiehdu rikonoxximenti.
RA issugerixxa lil mara lil kienet tghallem il-muzew tal-bniet.
VF issugerixxa lil Charlie Dalli.

60.6.4 JB issugerixxa illi Gieh il-Belt u rikonoxximenti jistghux isiru mir-residenti.

60.6.5 Is-sindku qal li ser ihalli il-programm f'idejn GA, pero jekk hemm xi ghaqda ohra li ghalqet anniversarju importanti, din ghandha tigi inkluza ukoll.

60.6.6 Gie konkluz li ser tinsab data fejn il-kunsilliera kollha u is-sur Vince Zammit jistghu jattendu.

60.6.7 CM issugerixxa li dawn isiru wara l-elezzjoni.

## 60.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

60.7.1 Nil

## 60.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

60.7.1 NIL

## 60.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Marzu u April, Mejju u Gunju 2024

**60.9** Il-Laqgha tal-Kunsill li imiss ser issir.

**IFFIRMATA**

Raymond Azzopardi
Vici Sindku

**IFFIRMATA**

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv